Ghajnsielem

**AGENDA – LAQGHAT TAL-KUNSILL**
**IS-SEBA` KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 1 – IL-HAMIS 5 TA' APRIL 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tieghu fic-Centru Civiku fis-7pm.

| Prezenti: | | |
|---|---|---|
| | Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Franco Ciangura | Vici Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Cauchi | Segretarju Ezekuttiv |

1. Introduzzjoni mill-Kunsillier l-aktar anzjan

Peter Caruana, li huwa l-Kunsillier l-aktar anzjan fetah il-laqgha b'introduzzjoni qasira fejn, filwaqt li ferah lill-Kunsillieri eletti, irringrazzja lill-Kunsilliera precedenti ghas-servizz taghhom.

2. Hatra ta' Sindku u Vici Sindku

Is-Segretarju Ezekuttiv informat li, skont Artiklu 25 tal-Att tal-Kunsilli Lokali, Francis Cauchi kellu dritt li joqghod fil-kariga ta' Sindku filwaqt li Franco Ciangura joqghod fil-kariga ta' Vici Sindku. Ghalhekk is-Segretarju Ezekuttiv staqsiet jekk jaccettawx il-kariga u wiegbu fil-pozittiv.

Is-Segretarju ezekuttiv talbithom jiffirmaw l-ittra tal-accettazzjoni.

Ezatt wara s-sindku ghamel l-ewwel diskors tieghu bhala Sindku tas-seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Ghajnsielem fejn appella biex il-Kunsill kollu jahdem f' tim wiehed maqghud ghall-gid tal-lokalita', bhalma dejjem sar sissa.

Is-sindku ghadda l-kelma lill-kull kunsillier respettivament biex jaghmel diskors qasis u fl-ahhar qalet kelmtejn ukoll is-segretarju ezekuttiv.

Is-segretarju ezekuttiv fakret lis-sindku u lil-vici Sindku biex jattendu ghal-iffirmar tal-gurament nhar it-Tlieta 10 t' April, fis-7pm il-Banca Guratale, fejn l-iffirmar ser isir mill-Assistent tal-Gustizzja Dott. Monica Vella.

3. Granet u hinijiet tal-Laqghat

Is-segretarju Ezekuttiv spjegat li rciviet konferma min ghand Vanni Xuereb, li Franco Ciangura jista jiltaq mix-xoghol kmieni u jattendi ghal-laqghat tal-Kunsill fil-5pm.

Saret diskussjoni fuq il-hin u gurnata tal-laqghat izda gie deciz li din tigi konkluza fil-laqgha li jmiss.

4. Tmiem il-Laqgha

Wara li kien hemm qbil li l-laqgha li jmiss issir nhar il-Gimgha, 13 ta' April fis-6pm, is-sinkdu ddikjara l-ewwel laqgha maghluqa fit-7.45pm

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Ezekuttiv